UFFIĊĊJU TA' L-AVUKAT ĠENERALI
IL-PALAZZ
IL-BELT
MALTA

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL
THE PALACE
VALLETTA
MALTA
TELEPHONE: 21225401
21235315
21228189
FAX: 21237281

6.4.10.

Skrivan tal-Kamra

**Re: Domandi tal-Kumitat maghzul tal-kamra dwar il-Prokreazzjoni Assistita**

Ghandi dawn ir-risposti preliminari ghad-domandi tal-Kumitat maghzul dwar il-Prokreazzjoni Assistita:

1. **Min ghandu dritt bil-ligi jkun jaf persuna x' kontijiet ghandha fil-banek, partikolarment meta dawn ikunu 'joint accounts'**

Il-kontijiet fil-banek huma kuntratt bejn id-depozitant u l-bank biex il-bank izomm u jhaddem il-flus tad-depozitant kontra pagament ta' imghax. Dawn il-kontijiet huma l-proprjeta personali ta' sidhom u, salv il-ligijiet li jipprovdu ghall-hrug ta' mandati ta' sekwestru jew xort' ohra mill-Qrati, ghall-ligijiet li jipprovdu ghall-investigazzjonijiet fiskali u kriminali u ghal ligijiet ohra li jipprovdu ghal poteri ta' interferenza minn xi awtorita' pubblia f' dan il-qasam , hadd ma ghandu dritt li jkun jaf dwar il-kontijiet bankarji ta' persuni ohra.

Fil-kaz ta' persuni minorenni li jkunu taht is-setgha tal-genituri taghhom il-kontijiet bankarji taghhom huma amministrati mill-genituri. Il-genituri ghandhom l-obbligu li jamministraw dawn il-kontijiet sewwa u f' certi kazijiet, bhall-kaz ta' proprjeta gejja lit-tfal minn wirt, il-genituri huma ukoll obbligati li jiggarantixxu l-amministrazzjoni tajba tal-flus da parti taghhom permezz ta' ipoteka legali.

Il-joint accounts huma proprjeta bi shab bejn id-detenturi taghhom u ghalhekk kull min huwa parti f' joint account ghandu dritt li jkun jaf x' fih.

2. **Kif il-ligijiet ta' Malta jiddefinixxu 'koppja stabbli'**

Is-sottoskritt m' huwiex a konoxxenza illi f' xi ligi Maltija tezisti xi definizzjoni ta' "koppja stabbli".

Fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali "familja" hija definita bhala li tinkludi ukoll persuni li jabitaw flimkien bhala familja izda din id-definizzjoni ghad illi tinkludi l-hekk imsejjha "koppja stabbli" m' hijiex limitata ghall-"koppji" u prattikament tinkludi kull sitwazzjoni fejn ikun hemm numru ta' persuni li jghixu flimkien b' mod organizzat

b' xebh ma l-organizzazzjoni prattika ta' familja. Din it-tip ta' sitwazzjoni gieli giet ukoll deskritta bhala sitwazzjoni ta' persuni jghixu flimkien u "jieklu mill-istess borma".L-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap 481) juza l-kelma "household member" jew "membru domestiku" izda din hi definita b' mod wiesgha hafna u tmur ferm 'l-hinn mis-sinifikat ta' "koppja" jew ta' "koppja stabbli".

3. **X' inhuma l-obbligi legali ta' genituri, kemm jekk dawn ikunu mizzewwgin u wara jisseparaw u kemm jekk dawn kellhom ulied barra z-zwieg.**

Skond l-artikoli 3B u 7 tal-Kodici Civili il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom skond il-hila, xehtiet naturali u l-aspirazzjonijiet ta' l-ulied. Dispozizzjonijiet ohra tal-Kodici Civili (Artikoli 131 sa 149 tal-Kodici Civili) imbghad jipprovdu f'aktar dettal dwar kif dawn l-obbligi jigu implimentati.

Id-decizjonijiet tal-Qrati li jipprovdu ghall-kustodja tat- tfal fejn il-genituri ikunu sseparaw jew ta' tfal imwieldin barra z-zwieg jirregolaw dan l-obbligu fis-sitwazzjonijiet partikolari u fl-ahjar interess tal-minuri.

4. **X' inhuma r-rwoli li ghandu jkollha awtorita' li tirregola s-servizzi ta' prokreazzjoni medikament assistita.**

Is-sottoskritt jinhtieg illi jkollu aktar informazzjoni sabiex ikun jista' jwiegeb ghal din id-domanda fuq dan is-suggett kompless.

X' ghandhom ikunu r-rwoli in kwistjoni jiddependi ferm fuq ix-xejra li tiehu r-regolamentazzjoni tal-prokreazzjoni medikament assistita li fiha nnifisha tistrieh hafna fuq l-opinjoni medika aktar milli fuq l-opinjoni legali. Fil-fatt hi aktar l-opinjoni medika li ghandha tinforma l-opinjoni legali f' din il-materja milli l-kuntrarju.

Dr. Peter Grech
Deputat Avukat Generali